MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2014

Numru. 336/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Damiano Calisti**

**Illum 1 ta' Awwissu, 2014**

**Il Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Damiano Calisti ta' 26 sena, bin Vito u Lucia nee' Aletta, imwieled l-Lentini, Sqallija nhar it-08 ta' Jannar 1988, residenti gewwa Pat, Flat 1, Triq il-Knisja, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita Taljana bin-numru AS 4728097;

Talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-30 ta' Lulju 2014 u fil-granet ta' qabel din id-data;

1) Biegh jew xort' ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Talli naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. M.Hayman LL.D fid-digriet taghha datat 23 ta' April 2014 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan ai terminu ta' l-Art 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex joghgobha tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet taghha tal-helsien mill-arrest ta' Damiano Calisti u tordna r-riarrest tieghu, kif ukoll tordna li s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) imposta fuqu bhala garanzija personali kif ukoll id-depozitu tas-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) imposta fuqu bhala depozitu ghall-helsien mill-arrest tigi kkonfiskata u mghoddija a favur il-gvern ta' Malta.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi partikolarment l-Art 8 (d) u (e) tal-Kap. 101 u l-Art 579 (2) u (3) tal-Kap. 9;

Rat wkoll l-Art 29 tal-Kap. 101;

Rat il-verbal tallum u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tad-digriet ghal helsien mill-arrest datat 23 t' April, 2014, issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u qieghha timmultah multa ta' elf ewro (€1,000) u piena karcerarja ta' tmien (8) xhur.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tar-reperti ezebiti fil-proceduri odjerni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------